# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 175/2012

## tat-28 ta' Settembru 2012

## li temenda l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/572/UE tal-20 ta' Settembru 2010 dwar l-aċċess irregolat għan-Netwerks ta' Aċċess tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGA) ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) L-Anness XI għall-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat kif adatt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 26k (ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2011/750/UE) fl-Anness XI għall-Ftehim ŻEE:

"26 l. **32010 H 0572**: Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/572/UE tal-20 ta' Settembru 2010 dwar l-aċċess irregolat għan-Netwerks ta' Aċċess tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGA) (ĠU L 251, 25.9.2010, p. 35)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Rakkomandazzjoni 2010/572/UE bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Settembru 2012, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2012.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Atle LEIKVOLL

---

([1]) ĠU L 251, 25.9.2010, p. 35.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.